# Żmien il-Milied

*Min-nisel ta' David, Alla, skond il-wegħda tiegħu,*
*ġieb għal Iżrael salvatur, li hu Ġesù.*
Atti 13, 23



***It-twelid ta' Ġesù u l-qima tar-rgħajja***
**Anton Inglott** (1915-1945)
Mużew Nazzjonali ta' l-Arti, Valletta

# It-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu

**Solennità – Quddiesa tal-Vġili**

## Qari I

*Il-Mulej tgħaxxaq bik.*

Is 62, 1-5

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

1 Minħabba f'Sijon ma nehdiex,
minħabba f'Ġerusalemm ma niskotx,
sa ma tfeġġ bħal dija l-ġustizzja tagħha,
tħeġġeġ bħal torċa s-salvazzjoni tagħha.
2 Il-ġustizzja tiegħek għad jarawha l-ġnus,
u s-sebħ tiegħek jarawh is-slaten kollha.
B'isem ġdid għad isejħulek,
isem li għad jagħżlu fomm il-Mulej.
3 Għad tkun kuruna ta' ġmiel f'id il-Mulej,
u dijadema ta' sultan f'id Alla tiegħek.
4 Ma jgħidulekx aktar l-Abbandunata,
lanqas lil artek l-Imħarbta.
Lilek għad isejħulek Għaxqti fiha,
u lil artek għad jgħidulha Għarusa;
għax l-għaxqa tal-Mulej fik, u artek għad titgħarras.
5 Bħalma għarus jitgħarras xebba,
hekk jitgħarrsek il-Bennej tiegħek;
u bħalma l-għarus jitgħaxxaq b'għarustu,
hekk jitgħaxxaq bik Alla tiegħek.

**Il-Kelma tal-Mulej**

℟. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 88 (89), 4-5.16-17.27.29

R/. (2a): It-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni

Int għedt Mulej:
4 «Għamilt patt mal-magħżul tiegħi,
ħlift lil David, il-qaddej tiegħi:
5 Jien nagħmel li nislek jibqa' għal dejjem,
li f'kull żmien jibqa' sħiħ it-tron tiegħek.» R/.

16 Hieni l-poplu li jaf jgħajjat bil-ferħ,
li jimxi, Mulej, fid-dawl ta' wiċċek.
17 B'ismek jitħennew il-jum kollu,
u bil-ġustizzja tiegħek jifirħu. R/.

27 «Hu jsejjaħli: "Int missieri u Alla tiegħi,
fortizza u salvazzjoni tiegħi!"
29 It-tjieba tiegħi nżommha fuqu għal dejjem,
u l-patt tiegħi miegħu jibqa' sħiħ.» R/.

## Qari II

*Pawlu jixhed għal Kristu, Bin David.*

Atti 13, 16-17. 22-25

**Qari mill-Ktieb ta’ l-Atti ta’ l-Appostli**

Meta ġie f’Antijokja ta’ Pisidja, Pawlu qam fis-sinagoga, [16]għamel
sinjal b’idu u beda jitkellem: «Nies ta’ Iżrael, u intom il-ġnus li
tibżgħu minn Alla, isimgħuni. [17]Alla ta’ dan il-poplu ta’ Iżrael għażel
lil missirijietna. Meta l-poplu kien jgħix f’art barranija, fl-Eġittu, Alla
għamlu poplu kbir u ħarġu minn hemm bil-qawwa ta’ driegħu.

[22]Meta mbagħad neħħa lil Sawl, qiegħed bħala sultan tagħhom lil
David, li għalih ta din ix-xhieda: “Sibt lil David, bin Ġesse, raġel
skond qalbi, li jagħmel dak kollu li rrid jien.”

[23]Min-nisel ta’ David, Alla, skond il-wegħda tiegħu, ġieb għal Iżrael
salvatur, li hu Ġesù. [24]Qabel il-miġja tiegħu, Ġwanni ħareġ ixandar
magħmudija ta’ ndiema lill-poplu kollu ta’ Iżrael. [25]U meta kien wasal
fi tmiem il-ħidma tiegħu, Ġwanni qal: “Jien m’iniex dak li intom
taħsbu li jien. Imma, araw, warajja ġej wieħed li jien anqas jistħoqqli
nħoll il-qorq ta’ riġlejh.”»

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Hallelujah. ℟. Hallelujah
Għada jinqered il-ħażen ta’ l-art,
u jsaltan fuqna s-Salvatur tad-dinja.
℟. Hallelujah

# Evanġelju

*Ktieb in-nisel ta' Ġesù Kristu, bin David.*

Mt 1, 1-25

## ✠ Bidu ta' l-Evanġelju skond San Mattew

1 Ktieb in-nisel ta' Ġesù Kristu, bin David, bin Abraham. 2 Abraham
nissel lil Iżakk, Iżakk nissel lil Ġakobb, Ġakobb nissel lil Ġuda u
lil ħutu, 3 Ġuda nissel lil Fares u lil Żaraħ minn Tamar, Fares nissel
lil Ħesron, Ħesron nissel lil Aram, 4 Aram nissel lil Għamminadab,
Għamminadab nissel lil Naħson, Naħson nissel lil Salmon, 5 Salmon
nissel lil Bogħaż minn Raħab, Bogħaż nissel lil Għobed minn Rut,
Għobed nissel lil Ġesse, 6 Ġesse nissel lil David, is-sultan.

David nissel lil Salamun mill-mara ta' Urija, 7 Salamun nissel lil
Robogħam, Robogħam nissel lil Abija, Abija nissel lil Asa, 8 Asa
nissel lil Ġosafat, Ġosafat nissel lil Ġoram, Ġoram nissel lil Għużżija,
9 Għużżija nissel lil Ġotam, Ġotam nissel lil Aħaż, Aħaż nissel lil
Ħeżekija, 10 Ħeżekija nissel lil Manassi, Manassi nissel lil Amon,
Amon nissel lil Ġosija, 11 Ġosija nissel lil Ġekonija u lil ħutu; kien
żmien l-eżilju f'Babilonja.

12 Wara l-eżilju f'Babilonja, Ġekonija nissel lil Salatjel, Salatjel nissel
lil Żorobabel, 13 Żorobabel nissel lil Abiħud, Abiħud nissel lil Eljakim,
Eljakim nissel lil Ażor, 14 Ażor nissel lil Sadok, Sadok nissel lil Akim,
Akim nissel lil Eliħud, 15 Eliħud nissel lil Elgħażar, Elgħażar nissel lil
Mattan, Mattan nissel lil Ġakobb, 16 Ġakobb nissel lil Ġużeppi, ir-raġel
ta' Marija, li minnha twieled Ġesù li jsejħulu l-Messija.

17 Mela n-nisel kollu kien, minn Abraham sa David, erbatax-il nisel,
minn David sa l-eżilju ta' Babilonja, erbatax-il nisel; u mill-eżilju ta'
Babilonja sal-Messija, erbatax-il nisel.

[18]It-tnissil ta’ Ġesù l-Messija sar hekk: ommu Marija, wara li tgħarrset
ma’ Ġużeppi, qabel ma marru joqogħdu flimkien, saret omm
bil-ħidma ta’ l-Ispirtu s-Santu. [19]Żewġha Ġużeppi, li kien raġel ġust
u ma riedx ixandarha quddiem kulħadd, għamel il-ħsieb li jibgħatha
bil-moħbi tan-nies. [20]Meta kien għadu qiegħed jaħsibha, deherlu
anġlu tal-Mulej fil-ħolm u qallu: «Ġużeppi, bin David, xejn la tibża’
tieħu għandek lil martek Marija, għax dak li tnissel fiha ġej
mill-Ispirtu s-Santu. [21]Hi se jkollha iben, u inti ssemmih Ġesù,
għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom.»

[22]Dan kollu ġara biex iseħħ dak li kien qal il-Mulej permezz
tal-profeta, meta qal: [23]«Ara, ix-xebba tnissel u jkollha iben, u
jsemmuh Għimmanu-El,» li bi lsienna jfisser “Alla magħna.”
[24]Ġużeppi, meta qam, għamel kif ordnalu l-anġlu tal-Mulej, u ħa
lil martu għandu. [25]Imma baqa’ ma għarafhiex sa ma kellha iben, u
semmieh Ġesù.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Tifħir lilek Kristu

*Jew il-forma l-qasira*

# Evanġelju

***Marija jkollha iben, u inti ssemmih Ġesù.***

Mt 1, 18-25

## ✠ Qari mill-Evanġelju skond San Mattew

[18]It-tnissil ta' Ġesù l-Messija sar hekk: ommu Marija, wara li tgħarrset
ma' Ġużeppi, qabel ma marru joqogħdu flimkien, saret omm
bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu. [19]Żewġha Ġużeppi, li kien raġel ġust
u ma riedx ixandarha quddiem kulħadd, għamel il-ħsieb li jibgħatha
bil-moħbi tan-nies. [20]Meta kien għadu qiegħed jaħsibha, deherlu
anġlu tal-Mulej fil-ħolm u qallu: «Ġużeppi, bin David, xejn la tibża'
tieħu għandek lil martek Marija, għax dak li tnissel fiha ġej
mill-Ispirtu s-Santu. [21]Hi se jkollha iben, u inti ssemmih Ġesù,
għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom.»

[22]Dan kollu ġara biex iseħħ dak li kien qal il-Mulej permezz
tal-profeta, meta qal: [23]«Ara, ix-xebba tnissel u jkollha iben, u
jsemmuh Għimmanu-El,» li bi lsienna jfisser "Alla magħna."
[24]Ġużeppi, meta qam, għamel kif ordnalu l-anġlu tal-Mulej, u ħa
lil martu għandu. [25]Imma baqa' ma għarafhiex sa ma kellha iben, u
semmieh Ġesù.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

# It-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu

**Solennità – Quddiesa ta' Nofs il-Lejl**

## Qari I

*Ingħatalna iben.*

Is 9, 1-6

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

1 Il-poplu li kien miexi fid-dlam
ra dawl kbir;
in-nies li joqogħdu f'art id-dlam
dawl idda fuqhom.

2 Int kattart il-ġens,
kabbart l-hena;
huma ferħu quddiemek,
bħalma jifirħu fi żmien il-ħsad,
bħalma jifirħu fi qsim il-priża.
3 Għax il-madmad li kien itaqqlu,
u l-ħatar ta' fuq spallejh,
u l-bastun ta' l-argużin,
int kissirthom bħal f'jum Midjan.
4 Għax kull qorq li jħabbat fit-taqtigħa,
kull mantell mgħargħar fid-demm
jispiċċa għall-ħruq,
biex jieklu n-nar.

5 Għax tweldilna tifel,
ingħatalna iben;
is-setgħa tkun fuq spallejh, u jsemmuh:
Kunsillier ta' l-għaġeb, Alla setgħan,

Missier għal dejjem, Prinċep tas-sliem.
6Kbira tkun setegħtu,
u s-sliem bla qjies
fuq it-tron ta' David u s-saltna tiegħu.
Hu jwettaqha u jsaħħaħha
bil-ħaqq u s-sewwa,
minn issa u għal dejjem.
Il-ħeġġa tal-Mulej ta' l-eżerċti tagħmel dan.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 95 (96), 1-2a.2b-3.11-12.13

R/. Illum twildilna Salvatur, li hu Kristu l-Mulej

1Għannu lill-Mulej għanja ġdida;
għannu lill-Mulej fl-art kollha!
2Għannu lill-Mulej, bierku ismu! R/.

2Ħabbru minn jum għal ieħor is-salvazzjoni tiegħu.
3Xandru fost il-ġnus is-sebħ tiegħu,
fost il-popli kollha l-għeġubijiet tiegħu. R/.

11Ħa jifirħu s-smewwiet u tithenna l-art,
ħa jħabbat il-baħar u kull ma fih,
12ħa jifraħ ir-raba' u kull ma fih,
u jgħannu bil-ferħ is-siġar kollha tal-bosk. R/.

13Quddiem il-Mulej, għax ġej,
għax ġej biex jagħmel ħaqq mill-art.
Hu jagħmel ħaqq mid-dinja bil-ġustizzja,
u mill-popli bis-sewwa tiegħu. R/.

# Qari II

*Dehret il-grazzja ta' Alla lill-bnedmin kollha.*

Tit 2, 11-14

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lil Titu**

Għażiż, [11]dehret il-grazzja ta' Alla, għas-salvazzjoni lill-bnedmin
kollha; [12]hi trawwimna nwarrbu l-ħażen u l-ġibdiet tad-dinja, biex
ngħixu bir-rażna u l-ġustizzja u t-tjieba f'dan iż-żmien, [13]u nistennew
it-tama hienja u d-dehra tal-glorja tal-kbir Alla u Salvatur tagħna,
Ġesù Kristu.

[14]Hu li ta lilu nnifsu għalina biex jifdina minn kull ħażen u jnaddafna u jagħmel minna poplu magħżul għalih, poplu mħeġġeġ għall-għemil it-tajjeb.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Lq 2, 10-11

Hallelujah. R/. Hallelujah
Qiegħed inħabbrilkom ferħ kbir:
illum twildilna Salvatur, Kristu l-Mulej!
R/. Hallelujah

# Evanġelju

***Illum twildilkom Salvatur.***

Lq 2, 1-14

## ✠ Qari mill-Evanġelju skond San Luqa

[1]F'dik il-ħabta Ċesari Awgustu ħareġ digriet biex isir ċensiment
fid-dinja kollha. [2]Dan kien l-ewwel ċensiment li sar meta Kirinu
kien gvernatur tas-Sirja. [3]U kulħadd mar biex jinkiteb, kull wieħed
fil-belt tiegħu.

[4]Ġużeppi wkoll mar mill-Galilija, mill-belt ta' Nażaret, u tala'
l-Lhudija, fil-belt ta' David jisimha Betlehem - għax hu kien mid-dar
u l-familja ta' David - [5]biex jinkiteb flimkien ma' Marija l-għarusa
tiegħu, li kienet tqila. [6]Ġara li, meta kienu hemm, Marija għalqilha
ż-żmien biex teħles, [7]u wildet l-ewwel iben tagħha, fisqietu u
medditu f'maxtura, għax ma kienx hemm post għalihom fil-lukanda.

[8]F'dawk l-inħawi kien hemm xi rgħajja fir-raba', għassa mal-merħla
tagħhom bil-lejl. [9]U dehrilhom anġlu tal-Mulej, il-glorja tal-Mulej
iddiet madwarhom, u qabadhom biża' kbir. [10]Iżda l-anġlu qalilhom:
«Tibżgħux, għax araw, qiegħed inħabbrilkom ferħ kbir, ferħ li se jkun
għall-poplu kollu. [11]Illum, fil-belt ta' David, twildilkom Salvatur, li
hu l-Messija, il-Mulej. [12]U bħala sinjal ikollkom dan: issibu tarbija
mfisqija u mimduda f'maxtura.»

[13]F'daqqa waħda ngħaqdu ma' l-anġlu għadd kbir ta' qtajja' tas-sema,
ifaħħru lil Alla u jgħidu: [14]«Glorja lil Alla fl-ogħla tas-smewwiet, u
sliem fl-art lill-bnedmin li jogħġbu lilu!»

**Il-Kelma tal-Mulej**

℟. Tifħir lilek Kristu

# It-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu

**Solennità – Quddiesa tas-Sebħ**

## Qari I

*Arah ġej is-Salvatur tiegħek.*

Is 62, 11-12

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

11 Araw, il-Mulej isamma' leħnu sa truf l-art:
«Għidu lil bint Sijon:
Arah, ġej is-salvatur tiegħek!
Arah bil-prezz f'idu u l-ħlas quddiemu.
12 U jibdew isejħulhom Poplu qaddis,
il-Mifdijin tal-Mulej.
U lilek isejħulek l-Imfittxija,
il-Belt qatt abbandunata.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 96 (97), 1.6. 11-12

R/. Illum jiddi fuqna d-dawl, għax twildilna l-Mulej

1 Il-Mulej isaltan! Ħa taqbeż l-art bil-ferħ,
u jifirħu l-ħafna gżejjer!
6 Ixandru s-smewwiet il-ġustizzja tiegħu;
jaraw il-popli kollha s-sebħ tiegħu. R/.

11 Ifeġġ id-dawl fuq il-ġust,
u l-hena għal qalb in-nies sewwa.
12 Ifirħu, ġusti, fil-Mulej,
u faħħru l-isem qaddis tiegħu. R/.

# Qari II

*Hu salvana minħabba fil-ħniena tiegħu.*

Tit 3, 4-7

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lil Titu**

Għażiż, 4 meta feġġet it-tjieba ta' Alla, Salvatur tagħna,
u l-imħabba tiegħu għall-bnedmin,
5 hu salvana bil-ħasil ta' twelid ġdid u t-tiġdid ta' l-Ispirtu s-Santu,
mhux minħabba l-opri tajba li stajna għamilna aħna,
iżda minħabba l-ħniena tiegħu.
6 Dan l-Ispirtu hu xerrdu bil-kotra fuqna
b'Ġesù Kristu, is-Salvatur tagħna,
7 biex bis-saħħa tal-grazzja tiegħu
nitqaddsu u nsiru werrieta tal-ħajja ta' dejjem
skond it-tama li għandna.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Lq 2, 14

Hallelujah. R/. Hallelujah
Glorja lil Alla fl-ogħla tas-smewwiet,
u sliem fl-art lill-bnedmin li jogħġbu lilu.
R/. Hallelujah

## Evanġelju

***Sabu lil Marija u lil Ġużeppi u t-tarbija.***

Lq 2, 15-20

**Qari mill-Evanġelju skond San Luqa**

15 Meta mbagħad l-anġli ħallewhom u telgħu s-sema, ir-rgħajja bdew
jgħidu lil xulxin: «Ejjew immorru Betlehem ħa naraw x’ġara kif
għarrafna l-Mulej.»

16 Marru mela jgħaġġlu, u sabu lil Marija u lil Ġużeppi bit-tarbija
mimduda f’maxtura. 17 Kif raw dan, bdew jgħarrfu b’kull ma kien
intqal lilhom dwar dik it-tarbija, 18 u kull min semagħhom baqa’
mistagħġeb b’dak li qalulhom ir-rgħajja.

19 Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f’qalbha dawn il-ħwejjeġ
kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha.

20 Ir-rgħajja mbagħad reġgħu lura, isebbħu u jfaħħru lil Alla għal kull
ma kienu raw u semgħu, kif l-anġlu kien qalilhom.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

# It-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu

**Solennità – Quddiesa ta' bi Nhar**

## Qari I

***Raw it-truf kollha ta' l-art is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.***

Is 52, 7-10

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

[7]Kemm huma sbieħ fuq il-muntanji
r-riġlejn ta' min iħabbar il-bxara, ta' min ixandar is-sliem,
ta' min iħabbar ir-riżq, ta' min ixandar is-salvazzjoni,
[8]u jgħid lil Sijon: «Alla tiegħek isaltan.»

Ismagħha l-għajta!
L-għassiesa tiegħek għollew leħenhom,
lkoll flimkien jgħajtu bil-ferħ,
għax raw b'għajnejhom lill-Mulej rieġa' lura f'Sijon.

[9]Intom, ħerbiet ta' Ġerusalemm,
għajtu lkoll bil-ferħ,
għax farraġ il-Mulej il-poplu tiegħu,
feda lil Ġerusalemm.

[10]Kixef il-Mulej id-driegħ tiegħu qaddis,
quddiem il-ġnus kollha,
u raw it-truf kollha ta' l-art
is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 97 (98), 1.2-3ab.3cd-4.5-6

R/. (3c): Raw it-truf kollha ta' l-art is-salvazzjoni ta' Alla tagħna

1 Għannu lill-Mulej għanja ġdida,
għax għamel ħwejjeġ ta' l-għaġeb.
Ġibitlu r-rebħa l-leminija tiegħu,
u d-driegħ imqaddes tiegħu. R/.

2 Għarraf il-Mulej is-salvazzjoni tiegħu,
f'għajnejn il-ġnus wera l-ġustizzja tiegħu.
3 Ftakar fit-tjieba u l-fedeltà tiegħu
mal-poplu ta' Iżrael. R/.

3 L-art kollha, minn tarf għall-ieħor,
rat is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.
4 Għajtu bil-ferħ lill-Mulej fl-art kollha,
infexxu fil-hena, ifirħu u għannu! R/.

5 Għannu lill-Mulej biċ-ċetra,
biċ-ċetra u bil-ħlewwa ta' l-għana,
6 bit-trombi u bid-daqq tat-trumbetti;
għajtu bil-ferħ quddiem il-Mulej is-sultan! R/.

# Qari II

*Alla kellimna permezz ta' Ibnu.*

Lhud 1, 1-6

**Bidu ta' l-Ittra lil-Lhud**

1 Alla fl-imgħoddi kellem lil missirijietna ħafna drabi u b'ħafna
manjieri permezz tal-profeti. 2 Issa f'dan l-aħħar żmien, huwa
kellimna permezz ta' Ibnu, li hu għamlu werriet ta' kollox, u li bih
ukoll għamel il-ħolqien.

3 Hu, l-Iben, li hu d-dija tal-glorja ta' Alla u x-xbieha ta' l-essenza
tiegħu, u li jżomm id-dinja kollha bil-kelma setgħana tiegħu, wara
li naddafna minn dnubietna, qagħad fuq il-lemin tal-kobor ta' Alla
fl-għoli tas-smewwiet, 4 u b'hekk sar daqshekk aqwa mill-anġli daqs
kemm ogħla minn tagħhom hu l-isem li kiseb.

5 Għax lil min mill-anġli qatt qal Alla: «Inti ibni, jiena llum nissiltek?»
Jew: «Jiena nkun missieru, u hu jkun ibni?» 6 Imbagħad, hu u jdaħħal
lil Ibnu l-Kbir fid-dinja, jgħid ukoll: «Ħa jqimuh l-anġli kollha ta'
Alla.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Hallelujah. ℟. Hallelujah
Jum imqaddes feġġ għalina: ejjew, ġnus, qimu l-Mulej:
għax illum fuq l-art niżel dawl kbir.
℟. Hallelujah

## Evanġelju

*Il-Verb ħa l-ġisem u għammar fostna.*

Ġw 1, 1-18

**✠ Bidu ta’ l-Evanġelju skond San Ġwann**

[1]Fil-bidu kien il-Verb,
u l-Verb kien ma’ Alla,
u l-Verb kien Alla.

[2]Hu kien fil-bidu ma’ Alla.
[3]Kollox bih sar,
u xejn ma sar mingħajru;
kull ma sar [4]kellu l-ħajja fih,
u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin.
[5]Id-dawl jiddi fid-dlam,
imma d-dlam ma għelbux.

[6]Kien hemm raġel mibgħut minn Alla,
jismu Ġwanni.
[7]Dan ġie bħala xhud,
biex jixhed għad-dawl,
biex bih kulħadd jemmen.
[8]Ġwanni ma kienx id-dawl,
imma ġie biex jixhed għad-dawl,
[9]dak id-dawl veru,
li jdawwal kull bniedem,
huwa u ġej fid-dinja.
[10]Kien fid-dinja,
u d-dinja saret bih,
imma d-dinja ma għarfitux.
[11]Ġie f’daru,
u niesu ma laqgħuhx.

12 Imma lil dawk li laqgħuh
tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla,
dawk li jemmnu f'ismu,
13 li twieldu mhux mid-demm, anqas mill-ġibda tal-ġisem,
u anqas mir-rieda tal-bnedmin, iżda minn Alla.

14 U l-Verb sar bniedem u għammar fostna,
u aħna rajna l-glorja tiegħu,
il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni,
mimli bil-grazzja u l-verità.

15 Ġwanni ta xhieda fuqu
meta għajjat u qal:
«Dan hu li għalih għedtilkom:
Jiġi warajja, imma hu aqwa minni,
għax kien minn qabli.»

16 Għax mill-milja tiegħu aħna lkoll ħadna,
grazzja fuq grazzja.
17 Alla ta l-Liġi permezz ta' Mosè
imma l-grazzja u l-verità
seħħu permezz ta' Ġesù Kristu.

18 Lil Alla għadu ħadd ma rah;
imma għarrafhulna l-Iben il-waħdieni ta' Alla,
li hu fi ħdan il-Missier.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Tifħir lilek Kristu

*Jew il-forma l-qasira*

## Evanġelju

***Il-Verb ħa l-ġisem u għammar fostna.***

Ġw 1, 1-5.9-14

### ✠ Bidu ta’ l-Evanġelju skond San Ġwann

1 Fil-bidu kien il-Verb, u l-Verb kien ma’ Alla,
u l-Verb kien Alla.
2 Hu kien fil-bidu ma’ Alla.
3 Kollox bih sar, u xejn ma sar mingħajru;
kull ma sar 4 kellu l-ħajja fih,
u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin.
5 Id-dawl jiddi fid-dlam, imma d-dlam ma għelbux.

9 Kien id-dawl veru, li jdawwal kull bniedem,
huwa u ġej fid-dinja.
10 Kien fid-dinja, u d-dinja saret bih,
imma d-dinja ma għarfitux.
11 Ġie f’daru, u niesu ma laqgħuhx.
12 Imma lil dawk li laqgħuh
tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla,
dawk li jemmnu f’ismu,
13 li twieldu mhux mid-demm, anqas mill-ġibda tal-ġisem,
u anqas mir-rieda tal-bnedmin, iżda minn Alla.

14 U l-Verb sar bniedem u għammar fostna,
u aħna rajna l-glorja tiegħu,
il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni,
mimli bil-grazzja u l-verità.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

**Il-Ħadd fost l-Ottava tal-Milied**

# Il-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi

**Festa**

## Qari I

***Min jibża' mill-Mulej iweġġaħ lill-ġenituri tiegħu.***

Sir 3, 2-6. 12-14

**Qari mill-Ktieb ta' Bin Sirak**

2 Il-Mulej għolla l-missier fuq it-tfal,
u saħħaħ dritt l-omm fuq l-ulied.
3 Min jibża' minn missieru jagħmel tajjeb għal dnubietu,
4 u min iweġġaħ lil ommu qisu qed jiġma' f'teżor.
5 Min jibża' minn missieru jifraħ b'uliedu,
u meta jitlob jinstama'.
6 Min iweġġaħ lil missieru jkollu għomor twil,
u min iserraħ lil ommu jkun qed jisma' mill-Mulej.

12 Ibni, ieqaf ma' missierek fi xjuħitu,
u matul ħajtu tweġġagħlux qalbu.
13 Ukoll jekk moħħu jeħfief, agħdru,
u tonqsux mill-ġieħ meta għadek f'saħħtek,
14 għax il-ħniena ma' missierek ma tintesiex,
imma tingħaddlek bi ħlas għal dnubietek.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 127 (128), 1-2.3.4-5

R/. (1): Hieni kull min jibża' mill-Mulej

1 Hieni kull min jibża' mill-Mulej,
kull min jimxi fit-triqat tiegħu!
2 Mix-xogħol ta' idejk inti tiekol;
hieni int, u riżqek tajjeb! R/.

3 Martek tkun bħal dielja għammiela
fl-irkejjen ta' darek;
uliedek bħal xitel taż-żebbuġ
madwar il-mejda tiegħek. R/.

4 Ara, kif ikun imbierek il-bniedem
li jibża' mill-Mulej!
5 Ibierkek il-Mulej minn Sijon!
Jalla tara l-ġid ta' Ġerusalemm
tul ħajtek kollha! R/.

# Qari II

***Kif għandha tkun il-ħajja tad-dar fil-Mulej.***

Kol 3, 12-21

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Kolossin**

Ħuti, 12intom il-magħżulin ta' Alla, il-qaddisin u l-maħbubin
tiegħu. Ilbsu mela sentimenti ta' ħniena, tjieba, umiltà, ħlewwa u
sabar. 13Stabru b'xulxin, u, jekk xi ħadd minnkom ikollu xi jgħid
ma' ħaddieħor, aħfru lil xulxin; bħalma l-Mulej ħafer lilkom, hekk
agħmlu intom ukoll. 14U fuq kollox ilbsu l-imħabba, li hi l-qofol
tal-perfezzjoni. 15Ħalli s-sliem ta' Kristu jsaltan fi qlubkom, dak is-
sliem li għalih kontu msejħa biex issiru ġisem wieħed. U ta' dan
roddu ħajr lil Alla.

16Ħalli l-kelma ta' Kristu tgħammar sħiħa fikom; għallmu bl-għerf
kollu u widdbu lil xulxin b'salmi u innijiet u b'għana spiritwali, u
b'radd il-ħajr kantaw f'qalbkom innijiet lil Alla. 17Kull ma tagħmlu
jew tgħidu, agħmlu kollox f'isem il-Mulej Ġesù, u roddu ħajr lil Alla
l-Missier permezz tiegħu.

18Intom, nisa miżżewġa, obdu lil żwieġkom, kif għandu jkun
fil-Mulej. 19Intom imbagħad, irġiel miżżewġa, ħobbu n-nisa
tagħkom, u tkunux iebsa magħhom. 20Intom, tfal, isimgħu mill-
ġenituri tagħkom f'kollox, għax dan hu li jogħġob lill-Mulej. 21Intom
missirijiet, la ddejqux lil uliedkom, għax inkella jistgħu jaqtgħu
qalbhom.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Kol 3, 15a.16a

Hallelujah. R/. Hallelujah
Ħalli s-sliem ta' Kristu jsaltan fi qlubkom;
ħalli l-kelma ta' Kristu tgħammar sħiħa fikom.
R/. Hallelujah

## Evanġelju

***Ħu miegħek lit-tifel u lil ommu, u aħrab lejn l-Eġittu.***

Mt 2, 13-15.19-23

**✠ Qari mill-Evanġelju skond San Mattew**

[13]Meta telqu l-Maġi, deher anġlu tal-Mulej f'ħolma lil Ġużeppi u
qallu: «Qum, ħu miegħek lit-tifel u lil ommu, u aħrab lejn l-Eġittu.
Ibqa' hemm sa ma ngħidlek jien, għax Erodi se jfittex lit-tifel biex
joqtlu.» [14]Ġużeppi qam, ħa miegħu lit-tifel u lil ommu bil-lejl u telaq
lejn l-Eġittu, [15]u baqa' hemmhekk sal-mewt ta' Erodi, biex hekk iseħħ
dak li kien qal il-Mulej permezz tal-profeta, meta qal: «Mill-Eġittu
sejjaħt lil ibni.»

[19]Meta miet Erodi, deher l-anġlu tal-Mulej f'ħolma lil Ġużeppi
fl-Eġittu [20]u qallu: «Qum ħu miegħek lit-tifel u lil ommu, u erġa' lura
lejn l-art ta' Iżrael, għax mietu dawk li kienu jfittxu l-ħajja tat-tifel.»
[21]Ġużeppi qam, ħa miegħu lit-tifel u lil ommu, u mar fl-art ta' Iżrael.
[22]Imma billi sama' li fil-Lhudija kien qiegħed isaltan Arkelaws flok
Erodi missieru, beża' jmur hemm. Fuq twissija li kellu fil-ħolm, telaq
lejn l-inħawi tal-Galilija, [23]u mar joqgħod f'belt jisimha Nażaret, biex
hekk iseħħ dak li kien ingħad permezz tal-profeti, «Ikun jissejjaħ
Nażri.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

**1 ta’ Jannar**

# L-Imqaddsa Omm Alla Marija

**Solennità**

## Qari I

*Isejħu ismi fuq ulied Iżrael, u jiena nberikhom.*

Num 6, 22-27

**Qari mill-Ktieb tan-Numri**

22 Il-Mulej kellem lil Mosè u qallu:
23 «Kellem lil Aron u lil uliedu u għidilhom:
“Meta tbierku lil ulied Iżrael, hekk għandkom tgħidulhom:

24 Ibierkek il-Mulej
u jħarsek!
25 Jixħet il-Mulej id-dija ta’ wiċċu fuqek,
u jurik il-ħniena!
26 Iħares lejk il-Mulej bi mħabba,
u jagħtik is-sliem!”

27 Hekk huma jsejħu ismi fuq ulied Iżrael,
u jiena nberikhom.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 66 (67), 2-3.5.6.8

R/. (2a). Iħenn għalina Alla, u jberikna

[2]Iħenn għalina Alla, u jberikna;
idawwar għal fuqna d-dija ta' wiċċu!
[3]Biex jingħarfu fuq l-art triqatek,
fost il-ġnus kollha s-salvazzjoni tiegħek. R/.

[5]Jithennew il-ġnus u jgħannu bil-ferħ,
għax trieġi l-popli bis-sewwa,
u l-ġnus fuq l-art inti tmexxihom. R/.

[6]Ifaħħruk il-popli, o Alla,
ifaħħruk il-popli kollha.
[8]Iberikna Alla, u tibża' minnu
l-art kollha minn tarf għall-ieħor! R/.

## Qari II

*Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara.*

Gal 4, 4-7

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Galatin**

Ħuti, [4]meta waslet il-milja taż-żmien, Alla bagħat lil Ibnu, imwieled
minn mara, imwieled taħt il-Liġi, [5]biex jifdi lil dawk li kienu taħt
il-Liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied. [6]U għax intom ulied, Alla
bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: «Abbà! Missier!» [7]U hekk
m'intix iżjed ilsir, iżda iben: u jekk iben, werriet ukoll bil-grazzja ta'
Alla.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Lhud 1, 1-2

Hallelujah. R/. Hallelujah
Alla fl-imgħoddi kellem lil missirijietna ħafna drabi
u b'ħafna manjieri permezz tal-profeti.
Issa f'dan l-aħħar żmien huwa kellimna permezz ta' Ibnu.
R/. Hallelujah

## Evanġelju

***Sabu lil Marija u lil Ġużeppi, bit-tarbija mimduda f'maxtura.***

Lq 2, 16-21

### ✠ Qari mill-Evanġelju skond San Luqa

F'dak iż-żmien, ir-rgħajja
16 marru jgħaġġlu, u sabu lil Marija u lil Ġużeppi, bit-tarbija mimduda f'maxtura.
17 Kif raw dan, bdew jgħarrfu b'kull ma kien intqal lilhom dwar dik it-tarbija,
18 u kull min semagħhom baqa' mistagħġeb b'dak li qalulhom ir-rgħajja.
19 Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha.

20 Ir-rgħajja mbagħad reġgħu lura, isebbħu u jfaħħru lil Alla għal kull ma kienu raw u semgħu, kif l-anġlu kien qalilhom.

21 Meta wasal it-tmien jum biex lit-tifel jagħmlulu ċ-ċirkonċiżjoni, semmewh Ġesù, bl-isem li kien tah l-anġlu qabel ma tnissel fil-ġuf.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

# It-Tieni Ħadd wara l-Milied

*Fejn l-Epifanija tiġi ċċelebrata fis-6 ta' Jannar*

## Qari I

***Il-Għerf ta' Alla għammar fost il-poplu l-maħtur.***

Sir 24, 1-4.8-12

**Qari mill-Ktieb ta' Bin Sirak**

1 L-għerf ifaħħar lilu nnifsu, u jiftaħar f'nofs il-poplu tiegħu.
2 Jiftaħ fommu fil-ġemgħa ta' l-Għoli,
u jiftaħar quddiem qawwietu.
3 «Jien ħriġt minn fomm l-Għoli
u għattejt l-art bħan-nida.
4 Tellajt fl-għoli l-għarix tiegħi,
u t-tron tiegħi kien kolonna sħab.

8 Il-Ħallieq ta' kollox tani ordni,
u dak li ħalaqni għażel post għall-għarix tiegħi,
u qalli: "Tella' l-għarix tiegħek f'Ġakobb
u iret sehmek f'Iżrael."

9 Qabel kull żmien, fil-bidu, ħalaqni,
u sa l-aħħar taż-żmien ma niġix nieqes.
10 Għamiltha ta' qaddej quddiemu fl-Għarix Imqaddes,
u hekk tqigħedt fis-sod f'Sijon.
11 Hekk ukoll qegħedni nistrieħ fil-belt maħbuba,
u s-setgħa tiegħi kienet fuq Ġerusalemm.
12 U xenxilt għeruqi f'poplu ta' ġieħ,
f'sehem il-Mulej, fil-wirt tiegħu.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm146 (147), 12-13.14-15.19-20

R/. (Ġw 1, 14): Il-Verb sar bniedem u għammar fostna
*jew*
R/. Hallelujah

12 Sebbaħ, Ġerusalemm, il-Mulej;
faħħar lil Alla tiegħek, Sijon!
Hu jsaħħaħ l-istaneg ta' bwiebek,
13 u jbierek ġewwa fik lil uliedek. R/.

14 Hu jqiegħed fis-sliem it-trufijiet ta' artek,
u lilek bl-aħjar qamħ ixebbgħek.
15 Hu jibgħat fuq l-art il-kmand tiegħu;
bil-ħeffa tiġri l-kelma tiegħu. R/.

19 Hu jxandar kelmtu lil Ġakobb,
il-liġijiet u d-digrieti tiegħu lil Iżrael.
20 Ma għamel hekk ma' ebda poplu;
lil ħadd ma għarraf id-digrieti tiegħu. R/.

# Qari II

*Iddestinana li nkunu għalih ulied adottivi permezz ta' Ġesù.*

Ef 1, 3-6.15-18

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin**

3 Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu,
li berikna b'kull xorta ta' barka spiritwali,
fis-smewwiet fi Kristu.
4 Hekk hu għażilna fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja,
biex inkunu qaddisa u bla tebgħa
quddiemu fl-imħabba.
5 Iddestinana minn qabel li nkunu għalih
ulied adottivi permezz ta' Ġesù Kristu;
hekk għoġob lir-rieda tajba tiegħu,
6 għat-tifħir tal-glorja tal-grazzja tiegħu,
li biha mliena fil-Maħbub tiegħu.

15 Għalhekk jien ukoll, li smajt bil-fidi tagħkom fil-Mulej Ġesù u
bl-imħabba tagħkom lejn il-qaddisin kollha, 16 ma nixba' qatt niżżi
ħajr minħabba fikom meta niftakar fikom fit-talb tiegħi. 17 Ħalli Alla
ta' Sidna Ġesù Kristu, il-Missier tal-glorja, jagħtikom spirtu ta' għerf
li jirrivelahielkom biex tagħrfuha sewwa; 18 u jdawlilkom l-għajnejn
ta' qalbkom biex tagħrfu x'inhi t-tama tas-sejħa tagħkom; x'inhu
l-għana tal-glorja tal-wirt li takom taqsmu mal-qaddisin.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

ara 1 Tim 3, 16

Hallelujah. R/. Hallelujah
Glorja lilek, Kristu, li xxandart fost il-pagani;
glorja lilek, Kristu, li emmnuk fid-dinja.
R/. Hallelujah

## Evanġelju

***Il-Verb ħa l-ġisem u għammar fostna.***

Ġw 1, 1-18

✠ **Bidu ta' l-Evanġelju skond San Ġwann**

1 Fil-bidu kien il-Verb,
u l-Verb kien ma' Alla,
u l-Verb kien Alla.

2 Hu kien fil-bidu ma' Alla.
3 Kollox bih sar,
u xejn ma sar mingħajru;
kull ma sar 4 kellu l-ħajja fih,
u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin.
5 Id-dawl jiddi fid-dlam,
imma d-dlam ma għelbux.

6 Kien hemm raġel mibgħut minn Alla,
jismu Ġwanni.
7 Dan ġie bħala xhud,
biex jixhed għad-dawl,
biex bih kulħadd jemmen.
8 Ġwanni ma kienx id-dawl,
imma ġie biex jixhed għad-dawl,
9 dak id-dawl veru,
li jdawwal kull bniedem,

huwa u ġej fid-dinja.
10Kien fid-dinja,
u d-dinja saret bih,
imma d-dinja ma għarfitux.
11Ġie f'daru,
u niesu ma laqgħuhx.
12Imma lil dawk li laqgħuh
tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla,
dawk li jemmnu f'ismu,
13li twieldu mhux mid-demm, anqas mill-ġibda tal-ġisem,
u anqas mir-rieda tal-bniedem, iżda minn Alla.

14U l-Verb sar bniedem u għammar fostna,
u aħna rajna l-glorja tiegħu,
il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni,
mimli bil-grazzja u l-verità.

15Ġwanni ta xhieda fuqu
meta għajjat u qal:
«Dan hu li għalih għedtilkom:
Jiġi warajja, imma hu aqwa minni,
għax kien minn qabli.»
16Għax mill-milja tiegħu aħna lkoll ħadna,
grazzja fuq grazzja.
17Alla ta l-Liġi permezz ta' Mosè
imma l-grazzja u l-verità
seħħu permezz ta' Ġesù Kristu.
18Lil Alla għadu ħadd ma rah;
imma għarrafhulna l-Iben il-waħdieni ta' Alla,
li hu fi ħdan il-Missier.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

*Jew il-forma l-qasira*

## Evanġelju

***Il-Verb ħa l-ġisem u għammar fostna.***

Ġw 1, 1-5.9-14

### ✠ Bidu ta' l-Evanġelju skond San Ġwann

1 Fil-bidu kien il-Verb, u l-Verb kien ma' Alla,
u l-Verb kien Alla.
2 Hu kien fil-bidu ma' Alla.
3 Kollox bih sar, u xejn ma sar mingħajru;
kull ma sar 4 kellu l-ħajja fih,
u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin.
5 Id-dawl jiddi fid-dlam,
imma d-dlam ma għelbux.

9 Kien id-dawl veru, li jdawwal kull bniedem,
huwa u ġej fid-dinja.
10 Kien fid-dinja, u d-dinja saret bih,
imma d-dinja ma għarfitux.
11 Ġie f'daru, u niesu ma laqgħuhx.
12 Imma lil dawk li laqgħuh
tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, dawk li jemmnu f'ismu,
13 li twieldu mhux mid-demm, anqas mill-ġibda tal-ġisem,
u anqas mir-rieda tal-bniedem, iżda minn Alla.

14 U l-Verb sar bniedem u għammar fostna,
u aħna rajna l-glorja tiegħu,
il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni,
mimli bil-grazzja u l-verità.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

**6 ta' Jannar** *jew* **Il-Ħadd wara l-Ewwel tas-Sena**

# L-Epifanija tal-Mulej

**Solennità**

## Qari I

***Is-sebħ tal-Mulej jiddi fuqek.***

Is 60, 1-6

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

1 Qum! Ħa jiddi wiċċek!
Id-dawl tiegħek wasal!
Jiddi fuqek sebħ il-Mulej!
2 Ara d-dlamijiet jiksu l-art, u sħab iswed il-popli:
iżda fuqek jiddi l-Mulej, u s-sebħ tiegħu jfiġġ fuqek.
3 Il-ġnus għad jimxu fid-dawl tiegħek,
u s-slaten fid-dija tas-sebħ tiegħek.
4 Għolli u dawwar għajnejk madwarek u ara:
ilkoll miġbura ġejjin għandek.
Uliedek ġejjin mill-bogħod,
u bnietek iġorruhom fuq id-dirgħajn.
5 Imbagħad tħares u wiċċek jiddi,
u tħabbat u timtela qalbek,
għax fuqek taqa' l-kotra tal-ġid ta' l-ibħra,
u l-għana tal-ġnus jiġi għandek.
6 Imrieħel ta' iġmla għad jgħattuk,
l-iġmla żgħar ta' Midjan u Għefa;
ilkoll minn Seba jiġu, mgħobbija bid-deheb u l-inċens,
u jxandru t-tifħir tal-Mulej.

**Il-Kelma tal-Mulej**

℟. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 71 (72), 1-2.7-8.10-11,12-13

R/. (ara 11): Il-ġnus kollha ta' l-art jagħtuk qima, Mulej

1 O Alla, agħti lis-sultan il-ħaqq tiegħek,
il-ġustizzja tiegħek lil bin is-sultan,
2 biex jiġġudika l-poplu tiegħek bil-ġustizzja,
u bil-ħaqq l-imsejknin tiegħek. R/.

7 Tħaddar f'jiemu l-ġustizzja,
u sliem kotran sa ma jintemm il-qamar.
8 Isaltan minn baħar sa baħar,
u mix-xmara sa truf l-art. R/.

10 Is-slaten ta' Tarsis u tal-gżejjer jagħtuh ir-rigali,
is-slaten ta' Seba u ta' Saba għotjiet iġibulu.
11 Iqimuh is-slaten kollha,
il-ġnus kollha lilu jaqdu. R/.

12 Għax hu jeħles lill-fqir li jsejjaħlu,
u lill-imsejken li m'għandux min jgħinu.
13 Iħenn għad-dgħajjef u għall-fqajjar;
il-ħajja tal-fqajrin isalva. R/.

# Qari II

***Issa ġie rrivelat li l-pagani huma msejħa biex ikollhom sehem mill-istess wegħda.***

Ef 3, 2-3a. 5-6

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin**

Ħuti, [2]intom smajtu bil-pjan tal-grazzja li Alla tani għall-ġid tagħkom,
[3]jiġifieri, li permezz ta' rivelazzjoni għarrafni l-misteru.

[5]Dan hu l-misteru li fil-ġenerazzjonijiet l-imgħoddija ma kienx
mgħarraf lill-bnedmin bħalma issa ġie rrivelat lill-appostli qaddisa
tiegħu u lill-profeti fl-Ispirtu, [6]jiġifieri, li l-pagani huma msejħa biex
ikollhom sehem mill-istess wirt, ikunu membri ta' l-istess ġisem,
ikollhom sehem mill-istess wegħda, fi Kristu Ġesù permezz ta'
l-Evanġelju.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Mt 2, 2

Hallelujah. ℟. Hallelujah
Rajna l-kewkba tiegħu tielgħa,
u ġejna nqimu l-Mulej.
℟. Hallelujah

# Evanġelju

*Ġejna mil-Lvant nagħtu qima lis-Sultan.*

Mt 2, 1-12

## ✠ Qari mill-Evanġelju skond San Mattew

1Meta twieled Ġesù f'Betlehem tal-Lhudija, fi żmien is-sultan
Erodi, xi maġi mil-Lvant ġew Ġerusalemm jistaqsu: 2«Fejn hu dak
li twieled sultan tal-Lhud? Għax rajna l-kewkba tiegħu tielgħa,
u ġejna nqimuh.» 3Is-sultan Erodi sama' bihom, u tħawwad hu u
Ġerusalemm kollha miegħu. 4Ġabar flimkien il-qassisin il-kbar u
l-kittieba kollha tal-poplu, u ried jaf mingħandhom fejn kellu
jitwieled il-Messija. 5U huma qalulu: «F'Betlehem tal-Lhudija, għax
hekk inkiteb mill-profeta: 6"U int, Betlehem, art ta' Ġuda, le, m'intix
l-iżgħar fost il-bliet il-kbar ta' Ġuda, għax minnek joħroġ mexxej li
jirgħa l-poplu tiegħi Iżrael."»

7Erodi mbagħad sejjaħ lill-maġi bil-moħbi, u tkixxef bir-reqqa kollha
mingħandhom iż-żmien li fih dehritilhom il-kewkba; 8bagħathom
Betlehem u qalilhom: «Morru, staqsu sewwa għat-tifel, u meta ssibuh
ejjew għiduli, ħalli jien ukoll niġi nqimu.»

9Dawk, wara li semgħu lis-sultan, telqu, u ara, il-kewkba li kienu
raw tielgħa bdiet miexja quddiemhom sakemm waslet u waqfet fuq
il-post fejn kien hemm it-tifel. 10Kif raw il-kewkba mtlew b'ferħ kbir
tassew. 11Meta mbagħad daħlu d-dar u raw lit-tifel ma' ommu Marija,
inxteħtu fl-art iqimuh; fetħu t-teżori tagħhom u offrewlu rigali deheb,
inċens u mirra. 12Imbagħad, billi kienu mwissijin f'ħolma biex ma
jerġgħux imorru għand Erodi, telqu lura lejn arthom minn triq oħra.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Tifħir lilek Kristu

Il-Ħadd fuq l-Epifanija

# Il-Magħmudija tal-Mulej

**Festa**

*Jekk is-solennità ta' l-Epifanija tiġi ċċelebrata l-Ħadd, u taħbat fis-7 jew fit-8 ta' Jannar, il-festa tal-Magħmudija tal-Mulej tiġi ttrasferita għat-Tnejn ta' wara. Qabel l-Evanġelju jsir qari wieħed.*

## Qari I

***Araw il-qaddej tiegħi li fih qalbi strieħet.***

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

Is 42, 1-4.6-7

Dan jgħid il-Mulej:
1 «Araw il-qaddej tiegħi, li jiena nwieżen,
il-maħtur tiegħi li fih qalbi strieħet!
Qegħedt l-ispirtu tiegħi fuqu, biex iġib il-ġustizzja lill-ġnus.
2 Ma jgħajjatx, ma jgħollix leħnu; ma jsemmax leħnu fil-pjazez,
3 qasba mġelġla ma jiksirhiex, musbieħ inemnem ma jitfihx.
Iġib il-ġustizzja fis-sewwa.
4 Ma jegħjiex, ma jitfarrakx,
sakemm ma jwaqqafx il-ġustizzja fuq l-art;
u l-gżejjer imbiegħda jistennew il-liġi tiegħu.
6 Jien il-Mulej, sejjaħtlek fis-sewwa,
qbadtek minn idek u ħaristek,
u għamilt minnek patt tal-poplu,
dawl għall-ġnus,
7 biex int tiftaħ għajnejn l-għomja,
toħroġ lill-ilsiera mill-ħabs,
u lil dawk li hemm fid-dlam minn dar l-għeluq.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

℟. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 28 (29), 1a-2.3ac-4.3b u 9b-10

R/. (11b): Il-Mulej ibierek il-poplu tiegħu bis-sliem

1 Agħtu lill-Mulej, ulied Alla,
agħtu lill-Mulej glorja u qawwa.
2 Agħtu lill-Mulej il-glorja ta' ismu,
qimu l-Mulej fl-għamara mqaddsa tiegħu. R/.

3 Leħen il-Mulej fuq l-ibħra;
il-Mulej fuq l-ibħra kotrana.
4 Leħen il-Mulej bil-qawwa,
leħen il-Mulej bil-glorja. R/.

3 Alla tal-glorja jriegħed,
9 u fit-tempju tiegħu kulħadd jgħid: «Glorja!»
10 Il-Mulej jaħkem fuq l-għargħar;
isaltan il-Mulej għal dejjem. R/.

# Qari II

*Alla jikkonsagra lil Ġesù ta' Nażaret bl-Ispirtu s-Santu.*

Atti 10, 34-38

**Qari mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli**

F'dak iż-żmien, 34Pietru qabad jitkellem u qal: «Issa tassew qiegħed
nifhem li Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd, 35imma jilqa' lil kull min
għandu l-biża' tiegħu u jagħmel is-sewwa, ikun minn liema poplu
jkun.

36Huwa bagħat il-Kelma tiegħu lil ulied Iżrael u xandrilhom is-sliem
permezz ta' Ġesù Kristu, li hu s-Sid ta' kollox.

37Intom tafu b'dak li ġara mal-Lhudija kollha, ibda mill-Galilija, wara
li Ġwanni kien xandar il-magħmudija; 38tafu kif Alla kkonsagra lil
Ġesù ta' Nażaret bl-Ispirtu s-Santu u bil-qawwa, u kif dan Ġesù
għadda jagħmel il-ġid u jfejjaq lil dawk kollha li kienu maħkuma
mix-xitan, għax Alla kien miegħu.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

ara Mk 9, 7

Hallelujah. R/. Hallelujah
Is-smewwiet infetħu, u leħen il-Missier instama':
«Dan hu Ibni l-għażiż: isimgħu lilu.»
R/. Hallelujah

## Evanġelju

***Ġesù wara li tgħammed, ra l-Ispirtu ta' Alla nieżel u jieqaf fuqu.***

Mt 3, 13-17

**✠ Qari mill-Evanġelju skond San Mattew**

F'dak iż-żmien, 13Ġesù ġie mill-Galilija lejn il-Ġordan għand Ġwanni
biex jitgħammed minnu.

14Imma Ġwanni ma ħalliehx, u qallu: «Jiena hu li jeħtieġ li
nitgħammed minnek, u inti tiġi għandi?» 15Ġesù qallu:«Inti għalissa
ħallik minn dan, għax hekk jixraq nagħmlu, biex intemmu s-sewwa
kollu.» Imbagħad Ġwanni ħallieh jitgħammed.

16Ġesù, wara li tgħammed, minnufih tala' mill-ilma; u ara,
is-smewwiet infetħu, u ra l-Ispirtu ta' Alla nieżel qisu ħamiema u ġej
għal fuqu. 17U mis-smewwiet instama' leħen jgħid: «Dan hu Ibni
l-għażiż: fih sibt l-għaxqa tiegħi.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu